MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Rikors Numru. 45/2012

**A B**
**vs**
**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u hamsa u sebghin (1975) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom l-ulied li pero' llum huma maggorenni.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Joseph Tabone mill-erba' (4) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom tnax (12) -il sena

mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju *stante* li l-partijiet kienu iddekadew mid-dritt tal-manteniment (Ara Dok B, Klawsola (d));

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha huwa eccepiet :

Illi l-esponenti giet notifikata bir-rikors de quo nhar it-12 ta' Marzu, 2012;

Illi b'risposta ghar-rikors de quo, l-esponenti tissottometti li l-fatti kontenuti huma korretti;

Illi l-esponenti thoss li l-ispejjez marbuta ma dan id-divorzju ghandhom jigu sopportati esklussivament mir-rikorrenti stante li huwa r-rikorrenti li istitwixxa dawn il-proceduri;

Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat ir-risposta tal-intimata minnha debitament guramentata, kif ukoll l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrent A B;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi il-partitjiet ippruvaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi gie ippruvat illi l-ilhom legalment separati mill-4 ta’ Gunju, 1999;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut, peress illi l-partijiet kienu iddekadew mid-dritt tal-manteniment u illi uliedhom illum il-gurnata huma kollha maggorenni;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------